# KAPPELLI U KNEJJES ŻGĦAR FIL-MOSTA

## Il-Knisja tal-Viżitazzjoni tal-Madonna (Ta' Wejda)

*Minn Tony Terribile*

Din is-sena għal darb'oħra ser inżuru knisja żgħira li sal-lum għadha ssebbaħ l-ambjent tal-Mosta. Din hi l-knisja tal-Viżitazzjoni tal-Madonna magħrufa bħala "Ta' Wejda".

Bla dubju hi waħda mill-aktar devoti fost il-knejjes u għalhekk hi miżmuma tajjeb ħafna min-nies li jgħixu qribha.



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Il-knisja tal-Viżitazzjoni tal-Madonna li nbniet fis-seklu sittax*

Il-bidu ta' din il-knisja jmur lura lejn l-aħħar snin tas-seklu sittax meta nbniet minn Damjan Bonnici u martu Agata. Dan kellu l-laqam "Ta' Wejda" u dan il-laqam baqgħet magħrufa bih sallum din il-knisja.

Meta fl-1680 l-Isqof ta' Malta Giacomo Molina żar din il-knisja rraporta li kellha distanza ta' madwar mitt pass mill-knisja parrokkjali u kellha dak kollu meħtieġ għas-servizz reliġjuż.

Fl-1745 l-Isqof ta' Malta, Paolo Alpheran de Bussan, reġa' żar din il-knisja u ħallielna deskrizzjoni aktar dettaljata u beda biex qal li l-forma tal-bini tagħha hi mill-isbaħ. Semma wkoll il-prospettiva tal-ġebel li ddawwar il-kwadru titulari li jinsab fuq l-altar maġġur u kif din il-prospettiva hi mżejna b'żewġ kolonni tondi, waħda fuq kull naħa.

L-Isqof laqtuh ukoll iż-żewġ kwadri li kienu wieħed fuq kull naħa ta' dan il-kwadru titulari u li jirrappreżentaw wieħed it-tħabbira tal-Mulej u l-ieħor lil Marija Assunta. Mid-dehra huma l-istess kwadri li għadhom fl-istess post sallum.

Osservazzjoni oħra li għamel l-Isqof Alpheran kienet dwar il-lampier li kien jixgħel quddiem il-kwadru li kien jinxtegħel spiss u l-aktar fil-festi tal-Madonna.

Dwar il-festa li kienet tiġi ċċelebrata fit-2 ta' Lulju l-Isqof Alpheran osserva li din kienet tiġi ċċelebrata bil-kant ta' l-Għasar u bil-quddiesa kantata.

Damjan Bonnici, wara li waqqaf din il-knisja, ħalla wkoll legat marbut maċ-ċelebrazzjoni



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Il-kwadru titulari tal-knisja tal-Viżitazzjoni, impitter minn Ġużeppi Caruana fl-1931.*



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Dehra tal-knisja "Ta' Wejda", armata għall-festa.*

ta' bosta quddies. Dan il-legat hu rreġistrat fl-Atti tan-Nutar Ġwanni Pawlu Fenech tas-7 ta' Mejju, 1644.

## Il-Knisja llum

Fl-aħħar gwerra dinjija bomba laqtet din il-knisja fil-11 ta' Marzu, 1942. Kemm hu hekk meta wieħed jifli l-kampnar li naraw illum jara kitba bil-Latin li tfakkar il-bini mill-ġdid ta' dan il-kampnar.

B'xorti tajba din il-knisja dejjem kienet f'idejn nies li ħabbewha tabilħaqq u għalhekk bosta affarijiet baqgħu hemm u żdiedu oħrajn ġodda.

Kemm hu hekk il-kwadru titulari l-qadim għadu merfugħ fis-sagristija. Skond is-sena mpittra fuqu, dan sar fl-1605. Hu kwadru kopja, iżda hu kwadru storiku għax barra li fuqu tidher is-sena, fil-parti t'isfel jidhru wkoll Damjan Bonnici u martu Agata għarkubbtejhom jitolbu f'riġlejn il-Madonna u Santa Elizabetta.

Fl-1931 il-pittur Ġużeppi Caruana pitter il-kwadru li naraw illum fuq l-altar maġġur ta' din il-knisja.

Fis-sena 1965 saru żewġ opri f'din il-knisja. L-ewwel saret l-istatwa, li ħadimha Wistin Camilleri, imbagħad saret il-pittura tas-saqaf. Din ħadimha Ġiġi Galea tar-Rabat. F'dan is-saqaf naraw bosta simboli marbuta ma' persunaġġi bibbliċi b'xebħ mal-Madonna.

Kif għedna fid-daħla ta' din il-kitba, il-knisja tal-Viżitazzjoni tal-Mosta hi miżmuma tajjeb ħafna u għal qalb in-nies ta' l-inħawi: kemm hu hekk, kull sena l-festa titulari ta' din il-knisja tiġi ċċelebrata bl-akbar solennità.

Jalla jkollna aktar knejjes bħal "Ta' Wejda"!